MALTA

# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

**MAĠISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tal-11 ta' Lulju, 2003

Numru 139/2000

Il-Pulizija
(Sp Maria Stella Cutajar)
vs
Rose Scicluna, bint Joseph Pace,
imwielda Qormi fit-12 ta'
april, 1954

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputata –
1. talli fil-perjodu ta' bejn is-6 ta' april, 1992 u it-3 ta' marzu, 1998, ukoll wara nzul ix-xemx, b'diversi atti magħmulin minnha fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b'risoluzzjoni waħda, b'mezzi qarrieqa li bihom setgħet kellha l-użu jew il-konsum illeġġittimu ta' l-elettriku, tal-klwalita' meħuda jew ikkunsmata, ikkomettiet serq ta' dawl elettriku mill-fond Vinrose, Triq il-Ġir, Kalkara fl-ammont ta Lm293.86 bħala detentriċi tal-fond jew

il-persuna li għandha l-fond imsemmi, fejn instabu dawn il-mezzi qarrieqa
għad-dannu tal-Korporazzjoni Enemalta, liema serq hu aggravat bil-mezz, bil-ħin u bl-ammont;
2. talli għamlet ħsara volontarja fil-gumni jew makkinarju ta' l-elettriku jew ikkaġunat ħsara jew telf ta' kurrent elettriku jew għamlet ħsara jew kissret xi
parti mill-meter ta' l-elettriku jew is-siġilli tiegħu, jew xi parti minn xi apparat
jew gumni wżati fil-provvista ta' l-elettriku liema ħsara saret għad-dannu
tal-Korporazzjoni Enemalta.
Il-Qorti ġiet mitluba li barra li tagħti l-piena skond il-liġi tordna lill-imputata tħallas
l-ispejjeż ta' l-esperti maħtura mill-Qorti a tenur tal-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali.

Rat il-verbal tas-seduta tal-11 ta' Lulju, 2003 fejn il-Korporazzjoni Enemalta nformat il-Qorti li l-ammont dovut mill-imputata hu ta' Lm130 u li ma għandhiex aktar interess fil-kawża.

Rat il-verbal tas-seduta tal-11 ta' Lulju, 2003 fejn l-imputata ammettiet l-akkużi miġjuba kontra tagħha.

Semgħet lill-avukat ta' l-imputata u lill-prosekuzzjoni.

Għaldaqstant, issib lill-imputata ħatja tal-akkużi miġjuba kontra tagħha. Rat
l-artikoli 261(b)(ċ)(f), 263, 267, 270, 278(1)(2)(3) u 326(1)(ċ)(e)(f) tal-Kodiċi Kriminali. Ma tikkundannahiex għal piena karċerarja iżda tilliberaha taħt
il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta bla kondizzjoni.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------